## S4.3 IĊ-ĊELEBRAZZJONIJIET U L-ĦIN LIBERU



**S4.3.1**

Nagħmlu lista ta' attivitajiet li nagħmlu matul il-ġimgħa u nikklassifikawhom taħt ĦIN LIBERU jew XOGĦOL.

**A. Aqra din l-istorja, imbagħad wieġeb.**



David għandu tmien snin u qiegħed fir-Raba' Sena tal-Primarja. Nhar it-Tnejn wasal lura d-dar mill-iskola fit-3.00pm. Ommu, Mrs Camilleri, tħobb tgħallmu ħafna u nhar it-Tnejn iddeċiet li bil-moħbi tiegħu issegwih.

Ommu nnutat kif sal-4.00pm, David bil-kalma kollha qagħad jirrakkuntalha kulma ġara l-iskola, filwaqt li hi għamlitlu biċċa ħobż imħawra bit-tadam, it-tonn taż-żejt, żebbuġ u l-kappar, kif iħobbha hu. Mill-4.00pm sal-4.30pm lesta l-*homework* tal-Matematika. Fl-4.30pm beda l-Ingliż u dam siegħa bl-eżatt biex lestieh. Billi ħassu għajjien qabel beda l-Malti qagħad jilgħab ftit il-logħba WII fuq il-kompjuter.

Sadanittant, Mrs Camilleri, ommu, ma kkummentat xejn, ħalliet f'idejh. Fis-6.00pm kellu l-MUSEUM. Telaq mid-dar fis-5.50pm u sas-6.45pm kien wasal lura d-dar. Qabel kielu lesta l-*homework* tal-Malti. Il-*homework* tal-Malti ħadflu 45 minuta. Kielu fis-7.30pm. Fit-8.15pm kienu lesti u anke ħaslu l-platti flimkien. Raw it-televixin bejn it-8.15pm u d-8.45pm. Hawn David u oħtu Rita, ħaslu snienhom, sellmu lill-ġenituri u rtiraw fil-kamra tagħhom. David kellu ktieb li ġab mil-librerija u qagħad jaqra kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż qabel raqad. Normalment mas-6.30am, il-membri tal-familja Camilleri jkunu qamu kollha.

**Wieġeb skont dak li qrajt:**

N.B. Kull xogħol li għandu x'jaqsam mal-iskola għandu jitqies bħala XOGĦOL filwaqt li l-ħin l-ieħor huwa ĦIN LIBERU.

1. Semmi biċċa xogħol li għamel David nhar it-Tnejn wara l-ħin tal-iskola.

______________________________________________________________

______________________________________________________________

2. Bejn it-3.00pm u l-4.00pm, nhar it-Tnejn, David x'għamel?

______________________________________________________________

______________________________________________________________

3. Taħseb li din is-siegħa kienet ĦIN LIBERU jew XOGĦOL għal David?

______________________________________________________________

______________________________________________________________

4. Semmi xi attività li għamel David nhar it-Tnejn, li int normalment tagħmilha wkoll.

______________________________________________________________

______________________________________________________________

5. Kif tiddeskrivi din l-attività, ĦIN LIBERU jew XOGĦOL?

______________________________________________________________

______________________________________________________________

6. Dan l-arloġġ jurina l-ħin x'ħin David tefa' d-dawl tal-kamra tiegħu u raqad.




Kemm dam jaqra David qabel raqad?

____________________________________________

B'liema lingwa jew lingwi qagħad jaqra?

____________________________________________

7. Fl-opinjoni tiegħek, il-qari bil-Malti u bl-Ingliż, għal student/a tar-Raba' Sena Primarja, għandu jitqies bħala ĦIN LIBERU jew XOGĦOL? Għaliex?

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

8. Semmi attività li tista' tissejjaħ XOGĦOL li int għamilt fi tmiem il-ġimgħa li għadda

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

9. Semmi attività li tista' tissejjaħ ĦIN LIBERU li int għamilt fi tmiem il-ġimgħa li għadda.

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

